



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

Kumitat għall-Petizzjonijiet

2014/2253(INI)

27.2.2015

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar it-30 u l-31 Rapport Annwali dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-Liġi tal-UE
(2014/2253(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Rosa Estaràs Ferragut

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li d-dritt għall-petizzjoni fil-Parlament Ewropew huwa wieħed mill-pilastri taċ-ċittadinanza Ewropea, kif stabbilit fl-Artikolu 44 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 227 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE); jindika li dan id-dritt jipprovd i l-għodod meħtieġa biex tizzied il-parteeċipazzjoni pubblika fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Unjoni Ewropea; jissottolinja, fid-dawl ta' dan, ir-rwol kruċjali tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet bħala l-ħolqa effettiva bejn iċ-ċittadini tal-UE, il-Parlament u l-Kummissjoni;
- [2] Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni qiegħda kull ma jmur tagħti dejjem aktar importanza lill-petizzjonijiet bħala sors ta' informazzjoni dwar l-ilmenti taċ-ċittadini u ksur potenzjali tal-liġi tal-UE fl-implimentazzjoni attwali tagħha, kif muri mill-fatt li ż-żewġ rapporti annwali taw attenzjoni partikolari lill-petizzjonijiet; jinnota li dan kien akkumpanjat b'żieda korrispondenti fin-numru ta' petizzjonijiet li tressqu mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet lill-Kummissjoni ma' talbiet għal informazzjoni;
3. Jindika li l-petizzjonijiet imressqa minn ċittadini tal-UE jirreferu għal vjolazzjonijiet tal-liġi tal-UE, b'mod partikolari fl-oqsma tad-drittijiet fundamentali u l-ambjent; iqis li l-petizzjonijiet jagħtu xhieda tal-fatt li għad hemm każijiet spissi u mifruxin ta' traspożizzjoni mhux sħiħa tal-liġi tal-UE jew ta' applikazzjoni ħażina tagħha;
4. Jilqa' l-inqas numru ta' direttivi li ġew trasposti fl-2013 (74) meta mqabbel maċ-ċifra tal-2011 (131); madankollu, jenfasizza l-ogħla numru ta' direttivi li ġew trasposti meta mqabbel maċ-ċifra tal-2012 (56);
5. Jinnota li total ta' 731 każ ta' ksur ingħalqu peress li l-Istat Membru inkwistjoni wera l-konformità tiegħu mal-liġi tal-UE; jindika li l-Qorti tal-Ġustizzja tat 52 sentenza skont l-Artikolu 258 tat-TFUE fl-2013, li minnhom 31 sentenza (59,6 %) kienu favur il-Kummissjoni;
6. Jinnota l-għadd ta' każijiet ta' ksur li ngħalqu fl-2013 qabel ma waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja (200 minn 484); iqis li huwa essenzjali, għaldaqstant, li jkompli jissorvelja bir-reqqa l-azzjonijiet tal-Istati Membri, filwaqt li jiġi kkunsidrat il-fatt li ċerti petizzjonijiet jirreferu għal problemi li jippersistu anke wara li l-kwistjoni tkun ingħalqet;
7. Jinnota li l-proċedura tal-EU Pilot hija kompletament operattiva fl-Istati Membri kollha u li s'issa pproduċiet riżultati impressjonanti, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-ġbir ta' informazzjoni u t-titjib tas-sitwazzjoni speċifika li tikkawża tħassib liċ-ċittadini, kif indikat mill-għadd imnaqqas ta' proċeduri ta' ksur;
8. Jilqa' l-involvement tas-servizzi tal-Kummissjoni fit-tisħiħ tal-iskambju ta' informazzjoni mal-Kumitat għall-Petizzjonijiet u jixtieq itenni t-talbiet tiegħu għal:
 - (a) komunikazzjoni mtejba bejn iż-żewġ partijiet, b'mod partikolari rigward il-bidu u l-

progress ta' proċeduri ta' ksur mill-Kummissjoni, inkluż il-proċedura EU Pilot,

(b) li jsiru sforzi biex tingħata informazzjoni lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fi ħdan perjodu ta' żmien raġonevoli, biex b'hekk tippermetti lill-kumitat iwieġeb għat-talbiet taċ-ċittadini b'mod aktar effettiv,

(ċ) lill-Kummissjoni biex tiegħu kont tar-rapporti tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, u b'mod partikolari s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fihom, meta tfassal il-komunikazzjonijiet tagħha;

9. Jilqa' ż-żieda fl-użu mill-Kummissjoni ta' pjanijiet ta' implimentazzjoni għal atti leġislattivi ġodda tal-UE indirizzati lill-Istati Membri, b'tali mod li jitnaqqsu r-riskji għal implimentazzjoni f'waqtha u korretta u, b'riżultat ta' dan, ikollhom impatt fuq l-għadd ta' petizzjonijiet rilevanti mressqa.